

32002D0596

L 194/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.7.2002

**ID-DEĊIJONI TAL-KUNSILL****tad-19 ta' Lulju ta' l-2002****dwar il-konsegwenzi tat-tmiem tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA)  
dwar il-ftehim internazzjonali konklużi mill-KEFA**

(2002/596/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IDDECIJEDA DAN LI ĠEJ:

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-Artikolu 300(1) f'dan ir-rigward,

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Permezz ta' l-Artikolu 97 f'dan ir-rigward, it-Trattat tal-KEFA jintemm fit-23 ta' Lulju ta' l-2002.
- (2) Numru ta' ftehim internazzjonali ma' pajjiżi terzi ġew konklużi mill-KEFA.
- (3) Dawn il-ftehim ma jipprovdus għall-eventwalità tat-tmiem tat-Trattat tal-KEFA.
- (4) Fi tmiem it-Trattat tal-KEFA, il-materja koperta mit-Trattat tkun koperta mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (KE), inkluż l-Artikolu 133 f'dan ir-rigward.
- (5) Ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li Itaqgħu fi ħdan il-Kunsill, stabbilew li l-KE qed taċċedi għad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu mill-ftehim internazzjonali konklużi mill-KEFA <sup>(1)</sup>.
- (6) Huwa kunsidrat li huwa fl-interessi tal-KE li dawn il-ftehim internazzjonali jitkomplew wara t-tmiem tat-Trattat tal-KEFA, u li dawn għandhom jiddevolvu fuq il-KE.
- (7) Uħud minn dawn il-ftehim jistgħu jinħtieġ emendi tekniċi biex ikunu kompatibbli mar-regoli tal-KE
- (8) Ilkun neċċesarju li pajjiżi terzi konċernati jkunu informati,

**Artikolu 1**

B'seħħ mill-24 ta' Lulju ta' l-2002, il-KE tissuċċiedi għad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu mill-ftehim internazzjonali konklużi mill-KEFA ma' terzi pajjiżi.

**Artikolu 2**

Il-Kummissjoni għandha tinforma lil terzi pajjiżi konċernati dwar succċessjoni mill-KE għad-drittijiet u obbligli tal-KEFA li joħorġu mill-ftehim konċernati. Barra minn hekk, tagħmel l-emendi tekniċi meħtieġa kollha biex tagħmel il-ftehim kompatibbli mar-regolamenti tal-KE, u fejn ikun meħtieġ, tinnegozja emenda għall-ftehim.

**Artikolu 3**

Din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara li tkun pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Din id-deċiżjoni tapplika mill-24 ta' Lulju ta' l-2002.

Magħmul fi Brussel, 19 ta' Lulju ta' l-2002.

*Fisem il-Kunsill**Il-President*

T. PEDERSEN

<sup>(1)</sup> Ara paġna 35 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.